**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 17 ta' April 2018**

**Rikors Numru:- 187/2016JVC**

**Fl-atti tal-ittra ufficjali numru 187/2016 ipprezentata fil-25 ta' April 2016 fl-ismijiet:**

**Il-Kummissarju tat-Taxxi**

**vs**

**Anthony Mercieca u b'digriet tat-2 ta' April 2018 il-gudizzju gie trasfuz f'isem martu Maria Mercieca stante l-mewt ta' Anthony Mercieca fil-mori tal-kawza**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ta' Anthony Mercieca illi ppremetta:

Illi huwa gie notifikat b'ittra a tenur ta' l-Artikolu 59 ta' l-Att XXIII ta' l-1998 li permezz taghha l-Kummissarju tat-Taxxi qed jitlob hlas ta' sebgha u sittin elf, hames mija u disgha u sittin Ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€67,569.29);

Illi l-esponenti qieghed permezz tal-prezenti rikors jopponi tali talba u qieghed prezenzjalment jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara tali talba bhala wahda nfondatat fid-dritt u fil-fatt u dana stante:

1. Illi preliminarjament kwalsiasi ammont pretiz jista' talvolta jkun dovut mis-socjeta' Kleene Co Limited (C17322) u mhux minnu personalment;

2. Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju dana l-istess ammont jirrizulta li huwa wiehed esagerat;

3. Illi fit-tielet lok parti mill-ammont pretiz jirrizulta li huwa preskritt bil-ligi.

Rat id-digriet taghha datat 11 ta' Mejju 2016 fejn ordnat lir-rikorrent jindika permezz ta' nota fl-atti l-artikoli tal-ligi li fuqhom qed isejjes it-talbiet taghha;

Rat ir-risposta guramentata tal-Kummissarju tat-Taxxi datata 25 ta' Mejju, 2016 illi eccepixxa:

1. Illi b'mod preliminari, il-procedura mressqa lir-rikorrent hi nulla u minghajr effett in kwantu r-rikors promotur m'huwiex mahluf u lanqas ma hu fil-forma kif rikjesta mil-ligi;
2. Illi in subsidio u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni precedenti, r-rikors promotur huwa null u minghajr effett in kwantu m'huwa msejjes fuq l-ebda disposizzjoni tal-ligi. Ir-rikorrent irid jindika a bazi ta' liema Artikolu/i tal-ligi hija msejsa din il-procedura u l-esponenti jirriserva d-dritt li jressaq eccezzjonijiet ulterjuri f'dan ir-rigward;

3. Illi wkoll b'mod preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost, bid-dovut rispett din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex il-poter sabiex tissindika jew tindaga dwar l-ammont dovut lill-esponenti in kwantu tali ammont hu dovut bis-sahha ta' titolu ezekuttiv li l-esponenti gia ghandu fil-konfront tar-rikorrent ai termini tal-Artikolu 59 tal-Kap.406 (kopja hawn annessa bhala Dok. VAT1), filwaqt li l-ittra ufficjali in kwistjoni hija ntiza biss li tirrendi ezegwibbli l-istess titolu ezekuttiv li ghandu l-esponenti;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u wkoll b'mod preliminari, dejjem bid-dovut rispett, fi kwalunkwe kaz din l-Onorabbli Qorti mhix il-*forum* kompetenti sabiex tiddetermina jekk l-ammont pretiz huwiex dovut o meno in kwantu huwa biss it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva li ghandu l-poter sabiex jiddetermina l-istess;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti segwa u agixxa skont id-dettami tal-ligi u cioe' l-procedura kkontemplata fil-Kap. 406 sabiex ottjena t-titolu ezekuttiv favur tieghu;

6. Illi ma saret l-ebda opposizzjoni da parte tar-rikorrent ghat-talba ghall-hlas li saret permezz tal-avviz lir-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 59 tal-Kap. 406 (Dok. VAT1), kif jippermetti l-istess Artikolu, u ghalhekk l-avviz in kwistjoni sar jikkostitwixxi titolu ezekuttiv ai termini tal-imsemmi Artikolu 59 tal-Kap. 406 li gie sussegwentement rez ezegwibbli permezz tal-ittra ufficjali in kwisjtoni;

7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fi kwalunkwe kaz il-ammont in kwistjoni hu dovut mir-rikorrent personalment in kwantu solidalment responsabbli mas-socjeta' Kleen Co. Limited ai termini tal-Artikolu 66 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Illi fi kwalunkwe kaz, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont dovut m'huwiex esagerat u lanqas ma hu preskritt, kif allegat mir-rikorrent;

9. Illi ghalhekk it-talbiet kollha rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.

Rat in-nota tar-rikorrent datata 14 ta' Gunju, 2016 fejn iddikjara kif isegwi:

*'Il-Kummissarju tat-Taxxi qed jitlob hlas ta' l-istess pagament liz-zewg diretturi ta' kumpanija u cioe' kemm lill-esponenti u anke lil zewgha Anthony Mercieca, haga li hija ovvjament projbita mil-ligi;*

*Illi in oltre, jirrizulta li gran parti minn dan il-bilanc ma huwiex dovut u dana anke skont ir-returns li ddahhlu recentement ghand id-Dipartiment tat-Taxxi stess u li ghalhekk l-istess Kummissarju tat-Taxxi qed jitlob hlas li ma huwiex dovut.'*

Rat illi fi-verbal tat-13 ta' Jannar, 2017 Dr. Ian Vella Galea ghan-nom tal-Kummissarju tat-Taxxi nterni ddikjara kif isegwi:

'illi l-ammont dovut mill-kumpanija Clean Co. Ltd u mid-diretturi taghha r-rikorrenti Maria Mercieca u Anthony Mercieca hu ta' €67,569.29 (skont it-titolu ezekuttiv li ghandu f'idu l-Kummisssarju) liema ammont huwa dovut b'mod solidali mill-Kumpanija u mid-diretturi ai termini tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi in vista tal-fatt illi fil-mori r-rikorrenti ssottomettew id-denunzji kollha pendenti l-ammont dovut illum hu ta' €69,513.84 u ghalhekk skont id-dikjarazzjoni taghhom stess.'

Rat li fil-verbal tal-24 ta' Jannar, 2018 ir-rikors gie differit ghad-decizjoni ghal-lum b'dana li kellha ssir il-legittimazzjoni tal-atti fil-mori;

Rat li l-legittimazzjoni giet debitament dekretata fil-mori;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

**L-eccezzjonijiet ta' nullita:**

Illi l-ewwel it-tieni, u t-tielet eccezzjonijiet preliminari tal-Kummissarju ntimat jaqraw kif isegwi:

1. *Illi b'mod preliminari, il-procedura mressqa lir-rikorrent hi nulla u minghajr effett in kwantu r-rikors promotur m'huwiex mahluf u lanqas ma hu fil-forma kif rikjesta mil-ligi;*

2. *Illi in subsidio u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni precedenti, ir-rikors promotur huwa null u minghajr effett in kwantu m'huwa msejjes fuq l-ebda disposizzjoni tal-ligi.*

*Ir-rikorrent irid jindika a bazi ta' liema Artikolu/i tal-ligi hija msejjsa din il-procedura u l-esponenti jirriserva d-dritt li jressaq eccezzjonijiet ulterjuri f'dan ir-rigward;*

3. *Illi wkoll b'mod preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost, bid-dovut rispett din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex il-poter sabiex tissindika jew tindaga dwar l-ammont dovut lill-esponenti in kwantu tali ammont hu dovut bis-sahha ta' titolu ezekuttiv li l-esponenti gia ghandu fil-konfront tar-rikorrent ai termini tal-Artikolu 59 tal-Kap. 406 (kopja hawn annessa bhala Dok. VAT1), filwaqt li l-ittra ufficjali in kwistjoni hija ntiza biss li tirrendi esegwibbli l-istess titolu ezekuttiv li ghandu l-esponenti;'*

Illi fir-rikors datat 6 ta' Mejju, 2016 ir-rikorrent ma ndikax ai termini ta' liema artikolu fil-ligi kien qed jigi prezentat ir-rikors taghha pero' ghamlet referenza diretta ghall-artikolu 59 ta' l-Att XXIII ta' l-1998 u l-ittra li giet notifikata lilha ai termini tal-istess artikolu. Giet sahansitra annessa kopja tal-istess ittra mar-rikors;

Rat illi dan ir-rikors ma gietx intavolat bil-gurament tar-rikorrent;

Rat illi kien appuntu minhabba n-nuqqas ta' kjarezza tal-ligi li fuqha kien qed issejjes it-talba tieghu r-rikorrent li din il-Qorti tat l-opportunita' permezz ta' digriet datat 11 ta' Mejju 2016 sabiex jindika permezz ta' nota fl-atti l-artikoli tal-ligi li fuqu qed isejjes it-talbiet tieghu.

Rat li ghalkemm giet prezentata nota fl-atti a fol. 23 tal-process, ghal darb'ohra ma gewx indikati l-artikoli tal-ligi li fuqhom ir-rikorreni sejjes ir-rikors tieghu;

Rat illi minn lat ta' gurisprudnza fid-decizjoni moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili datata 20 ta' Mejju, 2013 fl-ismijiet Dorothy Vassallo f'isimha personali u ghan-nom u in rapprezentanza ta' Josies Estates Ltd. vs il-Kummissarju tat-Taxxi ossija l-Kummissarju tat- Taxxa fuq il-Valur Mizjud gie dikjarat kif isegwi:

'L-Artikolu 59 tal-Att dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud jipprovdi:-

"(1) Avviz mahruġ mill-Kummissarju li juri ammont ta' taxxa u penali amministrattiva dovuti minn persuna ghandu jkun xiehda bizzejjed, kemm-il darba ma tingiebx prova kuntrarja, li l-ammont ikun dovut lill-Kummissarju minn dik il-persuna u ghandu jikkostitwixxi titolu ezekuttiv fil-kuntest u ghall-ghanijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat- Tieni Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

(2) Il-Kummissarju jista' jitlob il-hlas ta' kull taxxa u penali amministrattiva li ghandha tithallas minn persuna skont dan l-Att bil-mezz ta' nota ta' talba ghall-hlas, u jekk il-hlas mitlub ma jsirx fi zmien tletin jum mid-data meta dik in- nota ta' talba għall-hlas tkun giet notifikata lil dik il- persuna, il-Kummissarju jista' jghaddi biex jigbor dak il-hlas bis-sahha tat-titolu ezekuttiv imsemmi fis-subartikolu (1) wara jumejn minn notifika lil dik il-persuna ta' talba ghall-hlas li ssir permezz ta' att gudizzjarju. Meta jiskadi l-perjodu ta' jumejn imsemmi f'dan is-subartikolu, il-Kummissarju jkollu dritt li jirregistra fir-registru pubbliku jew fir-registru tal-artijiet, skont il-kaz, nota ta'

privilegg ghall-ammont mitlub fl-att gudizzjarju u dik in-nota ta' privilegg tista' tigi registrata minn kull avukat jew nutar.".

Il-Qorti tosserva li:-

i. Mill-ittra ufficjali tat-18 ta' Jannar 2013 hu evidenti li ma gietx prezentata ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12. Fl-ittra ufficjali stess l-intimat iddikjara li kienet qeghdha ssir ai termini tal-Artikolu 59 tal-Kap. 406.

ii. Id-differenza fiz-zewg kazijiet hi li taht:-

(a) L-Artikolu 466 tal-Kap. 12 – it-titolu ezekuttiv hi d-dikjarazzjoni guramentata li jaghmel il-kap tad-dipartiment. (b) L-Artikolu 59 tal-Kap. 406 – it-titolu ezekuttiv hu l-avviz li jinhareg mill-intimat li jkun juri ammont ta' taxxa u penali amministrattiva.

Hu evidenti li f'dan il-kaz il-procedura kontemplata fl- Artikolu 466(2) tal-Kap. 12 ma tapplikax. Il-Qorti tkompli tosserva kif fl-Artikolu 59 tal-Kap. 406 m'hemmx provvediment li jaghmel l-Artikolu 466(2) tal-Kap. 12 applikabbli ghall-finijiet ta' kontestazzjoni ta' titolu ezekuttiv li jitnissel b'applikazzjoni tal-Artikolu 59.

Ghalhekk ir-rikorrenti ma jistghux jinvokaw l-Artikolu 466 tal-Kap. 12 sabiex jipprovaw ihassru l-effetti tal-ittra ufficjali prezentata fit-18 ta' Jannar 2013. F'dan il-kuntest issir riferenza ghad-decizjoni Farrell vs Il-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud tat-30 ta' Settembru 2010, fejn din il-qorti[1] qalet:

".... Ir-rikorrent iddikjara li kien qed iressaq din il-kawza halli jattakka t-titolu ezekuttiv ottenut mil-Kummissarju intimat fil-konfront tieghu (enfazi ta' din il-qorti).

Ghalkemm ir-rikorrent ma ccitax id-dispozizzjoni tal-ligi li fuqha kien qieghed isostni l-istanza tieghu, din il-Qorti tifhem li ried jagixxi skont l-Art. 466 tal-Kap. 12. Minn ezami ta' din id-disposizzjoni, din il-Qorti tghid li r- rikorrent ma jistax isib sostenn minnha ghal dawn ir- ragunijiet –

1) Sabiex jesigi l-hlasijiet li kien qed jippretendi

2) bhala dovuti mir-rikorrent, il-Kummissarju dwar il-Valur Mizjud ma addotax fil-kaz tal-lum il-procedura kontemplata bl-Art. 466.

3) L-ittri ufficjali fol. 5 u 6 ma jaghmlux riferenza ghal xi dikjrazzjoni mahlufa kif previst mis-subinciz (1) ta' dak l- artikolu. Omissis.

L-intimat ghamel il-posizzjoni tieghu cara kemm fl-ittri ufficjali fuq riferiti kif ukoll fir-risposta ghall-azzjoni tar- rikorrent li kien qieghed jagixxi bis-sahha tal-Art. 50 tal-

Kap. 406.

Minn ezami ta' din id-disposizzjoni, jirrizulta bl-aktar mod car li filwaqt li jirrikonoxxi li kontrih kien ottenut titolu ezekuttiv, il-procedura tal-lum tentata minnu ma tistax izzomm l-effetti tal-istess Art. 59.".

Din il-qorti taqbel perfettament mal-analizi legali li saret fil-kaz fuq imsemmi.'

Rat l-artikolu 466 (2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Rat li huwa dan l-artikolu tal-ligi li jikkontempla l-possibilita' li jigi prezentat rikors mhux guramentat sabiex jattakka titolu ezekuttiv ottenut ai termini ta' ittra ufficcjali mahruga skont l-istess artikolu u unikament fuq il-bazi tan-nuqqas ta' notifika ta' dak dovut kif dettat fl-istess artikolu, izda dan l-artikolu evidentement ma japplikax ghall-Artikolu 59 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li t-terminu ghall-hlas huwa biss ta' jumejn u mhux ghoxrin jum kif jirrikjedi l-artikolu 466. Id-differenza hija wkoll cara stante li ai termini tal-artikolu 59 tal-Kap. 406 huwa l-avviz mahrug ai termini tal-artikolu 59 (1) li jikkostitwixxi t-titolu ezekuttiv u mhux l-att gudizzjarju notifikat ai termini tal-artikolu 59 (2) tal-Kap. 406.

Ir-rikorrent odjern prezenta rikors mhux bil-gurament u fir-rikors tieghu ta ragunijiet li jmorru ferm oltre dak indikat fl-artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li abbazi taghhom hu qed titlob li din il-Qorti tiddikjara t-talba tal-Kummissarju ghall-hlas bhala wahda nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Illi din il-Qorti tikkonkorri mal-hsieb tal-gurisprudenza hawn fuq ikkwotata li jekk ir-rikorrent ried jattakka t-titolu ezekuttiv ottenut mill-Kummissarju ntimat huwa kellu jaghmel dan b'rikors guramentat u mhux semplici rikors. Il-Qorti tqis li ghalkemm verament l-eccezzjonijiet tan-nullita' huma fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna kkunsidrati bhala odjuzi u fejn jista' jkun zball ghandu jigi retifikat ghas-salvagwardja tal-proceduri, il-fatt li l-Kummissarju ntimat gie notifikat b'semplici rikors u mhux b'rikors guramentat li jattakka t-titolu pretiz (kontenenti l-avvizi, dikjarazzjonijiet u talbiet bil-gurament li dan ir-rikors ghandu jkollu fih skont il-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) fih innifsu pregudika serjament il-pozizzjoni tal-Kummissarju f'dawn il-proceduri. In oltre li kieku din il-Qorti kellha ma tilqax l-ewwel tliet eccezzjonijiet tal-Kummissarju ntimat, li tqis li huma lkoll legalment gjustifikati, tkun qed tikkrea precedenti perikoluzi hafna f'din il-materja tant sensittiva ta' ordni pubbliku u cioe' hlas ta' taxxi u taghti lok ghall-abbuz.

Dan ukoll minghajr ma wiehed iwarrab id-diversi tentattivi li ghamlet din il-Qorti fl-atti sabiex ir-rikorrent possibbilment jipprova *dato ma non concesso* jirretifika l-posizzjoni tieghu izda baqa' ma ghamel xejn.

**Decizjoni**

**Ghaldaqstant, in vista ta' dak kollu suespost, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi dan ir-**

**rikors billi filwaqt illi tilqa' l-ewwel tliet eccezzjonijiet tal-Kummissarju ntimat, tghaddi sabiex tichad it-talbiet tar-rikorrent.**

**Spejjez kollha a karigu tar-rikorrent.**

**(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**Magistrat**

**(ft.) Maureen Xuereb**
**D/Registratur**

**Vera kopja**

**D/Registratur**